# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu 2017**

**Numru 21**

**Rikors numru 371/16 JPG**

**Francis Schembri**

**v.**

**Angelo sive Anglu Mifsud, kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tas-socjeta` Lambusa Maritime Shipping Limited [C39329] u b'digriet tad-29 ta' Lulju 2011 Angelic Mifsud u s-socjeta` Lambusa Maritime Company Limited maghrufa ukoll Lambusa Maritime Shipping Limited [C39329]**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent Angelic Mifsud, proprio et nomine, li permezz tieghu qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1588/10 fl-ismijiet **Francis Schembri v. Angelo Mifsud pro et noe** mahrug fuq talba tal-intimat kontra tieghu; qed jitlob ukoll sabiex din

il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tordna lill-intimat sabiex, fi zmien stabbilit, jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, tad-danni u tal-imghax li talvolta jistghu jigu imposta fuqu u, fin-nuqqas, tnehhi l-att kawtelatorju.

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Fit-13 ta' Ottubru 2010 l-intimat kien talab u ottjena l-hrug kontra r-rikorrenti ta' mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' €210,000, li huwa indika fl-istess mandat bhala rapprezentanti telf u danni kollha sofferti mill-intimat in konnessjoni mal-lanca bl-isem *Peppina* proprjetà tieghu, bhala konsegwenza tat-traskuragni u inadempjenza kuntrattwali tal-istess rikorrent.

3. Sussegwentement l-intimat kien talab u ottjena kontra r-rikorrenti mandat ta' inibizzjoni fuq il-fond deskritt fl-istess mandat biex jikkawtela l-kreditu pretiz minnu ta' €250,000.

4. In segwitu ghall-mandat ta' sekwestru, id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ipprezenta fir-registru tal-qorti zewg cedoli ta' depozitu fl-ammont komplessiv ta' €45,786.85.

5. Illi l-kawza nru. 265/2010 istitwita in segwitu ghall-imsemmija mandati kawtelatorji giet konkluza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

b'sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2015 b'ezitu sfavorevoli ghall-intimat. Minn dik is-sentenza sar l-appell.

6. Ir-rikorrent qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq tlett ragunijiet:

[a] li in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru kienet giet depozitata somma sostanzjali ta' flus akkont ta' dik pretiza mill-intimat skont l-istess mandat;

[b] li l-kreditu pretiz mill-intimat jinsab sufficjentement kawtelat bil-mandat ta' inibizzjoni li permezz tieghu r-rikorrent jinsab inibit milli jbiegh il-fond residenzjali tieghu li ghandha valur ta' €1,300,000;

[c] li permezz tas-sentenza fuq riferita gie deciz li l-ebda ammont ma huwa dovut lill-intimat in linea ta' likwidazzjoni ta' qliegh.

7. Ir-rikorrent, wara li jiccita bran minn dik is-sentenza fejn l-ewwel Qorti kkonstatat qerq da parti tal-intimat, jissenjala li l-qbid tas-somma ta' €45,786.85 li tinsab depozitata taht l-awtorità tal-Qorti qed tikkawzalu pregudizzju, anke ghax ma jistax ihallas dejn li ghandu ma' terzi. Huwa jkompli jfisser hekk l-ilment tieghu:

> "………huwa abbuz da parti tal-intimat li, nonostante s-sentenza tal-ewwel Qorti fuq citata fejn gie deskritt bhala qarrieqi mill-Qorti u in vista tal-fatt illi l-intimat huwa diga sufficjentement ikkawtelat mod iehor, jzomm fi-sehh il-mandat ta' sekwestru tieghu".

8. Permezz ta' nota prezentata fl-14 ta' Dicembru 2016, ir-rikorrent esebixxa kopja tar-rapport tal-perit nominat mill-qorti, li jinsab fl-atti tas-subbasta [numru 18/16] minn fejn jirrizulta li d-dar ghandha l-valur fuq indikat ta' €1,300,000, filwaqt li l-meritu tas-subbasta huwa ta' €55,612.91. Huwa pprezenta wkoll kopja ta' nota prezentata[1] fl-atti ta' dik is-subbasta li permezz taghha dawk il-kredituri ddikjaraw li l-ammont pretiz minnhom thallas u ghad fadal bilanc komplessiv ta' €55,612.91 u ghalhekk talbu li tigi rijappuntata s-subbasta.

9. Din il-Qorti rat l-atti inkluza r-risposta tal-intimat li, ghar-ragunijiet hemmhekk dettaljatament spjegati, qed jitlob li t-talba tar-rikorrenti meritu tar-rikors odjern tigi respinta, bl-ispejjez kontra tieghu.

10. Il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, ghalkemm ir-rikorrent indika bhala r-ragunijiet tal-talbiet tieghu l-paragrafi kollha minn [a] sa [f] tal-Artikolu 836 tal-Kodici, huwa palesi li whud minnhom huma inapplikabbli ghall-kaz odjern, senjatament il-paragrafi [a] u [b]. Ghalhekk din il-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-fatturi kontemplati fil-paragrafi [c] sa [f] li jaqraw hekk:

> "(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew

[1] Fit-12 ta' Settembru 2016

> "(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
>
> "(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew
>
> "(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġjew ġustifikabbli".

11. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

12. Fl-ewwel lok tosserva li l-fatt li giet depozitata taht l-awtorità tal-Qorti s-somma fuq indikata ta' €45,786.85 akkont tal-kreditu pretiz ma tista' tkun ta' ebda soljev ghar-rikorrent stante li l-bilanc ta' dak il-kreditu, fl-ammont ta' €164,213.15 xorta huwa wiehed sostanzjali.

13. Illi ghandu jirrizulta manifest li t-talbiet tar-rikorrent, in kwantu bazati fuq il-kontenut u l-ezitu tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, huma intempestivi stante li dik is-sentenza giet appellata u ghalhekk ghad tista' tigi revokata jew varjata minn din il-Qorti u ghalhekk, ma tistax isservi ta' sostenn ghal dak li qed jitlob ir-rikorrent permezz tar-rikors odjern.

14. Illi jigi osservat ukoll li, kif jinsab ritenut, il-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant jispetta biss fuq min jallegah u f'kull kaz, il-garanzija "xieraq" jehtieg li tkun wahda soda, cara u facilment realizzabbli minn min jitlob il-hrug tal-

mandat [**PA Ranger Company Ltd. v. Euro Imports Limited**, deciza 20 ta' Frar 2003]. Fil-kaz odjern, il-fatt li r-rikorrent stqarr li ghandu proprjetà tal-valur li jeccedi dak pretiz mill-intimat, ma jistax ikun ta' konfort ghar-rikorrent in mankanza ta' prova li dik il-proprjetà mhijiex milquta minn pizijiet ohrajn, inkluzi ipoteki, privileggi u mandati ohra mahrugin fuq talba ta' terzi. Ghaldaqstant f'dan l-istadju ma jistax jitqies li l-kreditu pretiz mill-intimat huwa sufficjentement kawtelat bil-mandat ta' inibizzjoni.

15. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux l-estremi kontemplati fil-paragrafi fuq indikati sabiex tintlaqa' in toto jew in parte l-ewwel talba tar-rikorrent.

16. Rigward it-tieni talba, li l-intimat jigi ordnat li jaghti garanzija taht l-Art. 838A din il-Qorti tirribadixxi[2] li, l-Artikolu 829 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid illi persuna li jkollha pretensjoni li ma hijiex kanonizzata tista' titlob li mandati kawtelatorji "jiġu maħruġa u esegwiti *taħt ir-responsabilità tagħha*".

> "Il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru jista' jagħmel ħsara lis-sekwestrat għax iċaħħdu mill-użu ta' flusu. Din il-ħsara xi ħadd irid ibatiha jew iwieġeb għaliha: jew ibatiha s-sekwestrat stess jekk id-dejn kawtelat ikun tassew dovut jew iwieġeb għaliha s-sekwestrant jekk il-pretensjoni tiegħu ma tkunx ġustifikata. Il-fatt illi persuna għandha dritt li tikseb il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji ma jfissirx illi jekk tikseb il-ħruġ tal-mandat kontra min ma huwiex tassew debitur ma

[2] Ara. Digriet fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1116/2015 [GCD] fl-ismijiet **Avukat Michael Zammit Maempel v. James Mifsud**, moghti 2 ta' Settembru 2015

tweġibx għall-ħsara li tkun għamlet bil-ħruġ ta' att li jinħareġ "taħt ir-responsabilità tagħha".

"Responsabilità" tfisser li twieġeb għall-ħsara li tagħmel jekk tikseb il-ħruġ ta' mandat biex tħares pretensjoni li ma tkunx tassew dovuta.

"Billi huwa biss wara li tingħata s-sentenza illi jkun magħruf jekk il-pretensjoni tas-sekwestrant hijiex tassew dovuta jew le, huwa xieraq illi, sakemm tinqata' l-kawża, hekk kif is-sekwestrant iħares il-pretensjoni tiegħu bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, hekk ukoll tkun imħarsa l-pretensjoni eventwali tas-sekwestrat b'garanzija.

"L-art.1047[1] tal-Kodici Civili jghid illi 'l-hsara li tikkonsisti f' illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas tal-imghaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena".[3]

17. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li l-konsiderazzjonijiet premessi japplikaw b'aktar qawwa meta, bhal fil-kaz odjern, l-ammont sekwestrat ikun wiehed sostanzjali u wkoll ikun diga hemm sentenza ta' Qorti tal-ewwel istanza sfavorevoli ghall-intimat sekwestrant.

18. Rigward il-komputazzjoni tal-*quantum* tal-garanzija, din il-Qorti tosserva li, tenut kont ghal dak li jghid l-Artikolu 1047[l] tal-Kodici Civili u tenut kont li l-mandat ta' sekwestru inhareg ghall-ammont ta' €210,000, il-hsara li jista' jgarrab is-sekwestrat hija ta' sittax-il elf u tmien mitt euro [€16,800] fis-sena.

<u>Decide</u>

Il-Qorti ghalhekk tipprovdi dwar it-talba taht l-Art. 838A tal-Kodici billi tordna li s-sekwestrant jaghti, fi zmien xahar mill-gurnata li fih dan il-

[3] Ibid

provvediment jinghata fil-Qorti bil-miftuh, l-imsemmija somma ta' €16,800 b'dan illi l-Qorti tirriserva li fuq talba ta' min ikun interessat tirrevedi dan id-digriet fi zmien sena mil-lum.  Il-garanzija ghandha tinghata b'depozitu fir-registru tal-Qorti jew b'obbligazzjoni ta' bank lokali, b'dan illi l-mandat jithassar jekk il-garanzija ma tinghatax saz-zmien fuq imsemmi.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jkunu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb